MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 130/2015

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

Illi r-rikorrenti kkuntrattaw iz-zwieg taghhom nhar it-tmintax (18) ta’ Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002);

Illi l-partijiet huma legalment separati b’kuntratt datat l-ewwel ta’ April tas-sena elfejn u hdax (2011) redatt quddiem in-nutar Dr Joseph Debono liema kuntratt qieghed jigi hawn esebit u mmarkat bhala Dok NB 1;

Illi ghalkemm m’ghaddewx erba’ snin mid-data tal-kuntratt ta’ separazzjoni il-partijiet ilhom de facto separati minn Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011);

Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli li ssir rikonciljazzjoni bejn il-partijiet rikorrenti;

Illi minn dan iz-zwieg ma kienx hemm ulied u ghalhekk ma hemm ebda kwistjoni ta' manteniment;

Talbu li din il-Qorti joghgobha tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, kif ukoll tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Marzu, 2015;

Rat l-affidavits bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-1 ta' April tas-sena 2011, illi ilhom de facto separati minn Jannar tas-sena 2011;

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------